MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1462/2002/1

***Associated Supplies Limited***

***vs***

***Chris Calleja***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erba' liri Maltin (Lm504) rappresentanti l-import ta' sitta u tletin kambjala ta' erbatax-il lira Maltin skaduti u dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2002 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-9 ta' Awissu 2001 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-

Gvern u f'gazzetta lokali, baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Elena Depasquale ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti konsistenti fis-36 kambjala li jifformaw il-mertu tal-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u erba' liri Maltin (Lm500), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------